**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 384/2021/3**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Niko Agius**

**Deyan Caruana**

**Nicolas Buhagiar**

Illum, 26 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Niko Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 35801L, Deyan Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 459098M u Nicolas Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 74001L, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-8 ta' Awwissu 2019 għall-ħabta ta' 17:20hrs u fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa l-Bajja tar-Rinella, Kalkara, involontarjament ikkaġunaw ħsara fuq opra tal-baħar reġistrata bin-numru S20499 li tammonta għal total ta' €3218.21 għad-dannu ta' Charles Bonnici.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Niko Agius, Deyan Caruana u Nicolas

Buhagiar ħatja kollha flimkien ta' l-imputazzjoni dedotta kontrihom u lliberathom bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena waħda mid-data tas-sentenza skond l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. *In oltre*, il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodiċi Kriminali ordnat lill-ħatja jħallsu fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza, terz kull wieħed mis-somma globali ta' tlett elef, mitejn u tmintax -il Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu lill-Charles Bonnici.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Niko Agius, Deyan Caruana u Nicolas Buhagiar, ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2023, fejn talbu lil din l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tħassar, tannulla u tirrevoka l-istess u kwindi tillibera lill-appellanti skond il-Liġi minn dawn l-imputazzjonijiet, ħtija u piena u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament tirriformaha in rigward tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi u tinfliġġi piena anqas ħarxa u aktar idonea li tirrispekja l-każ in eżami.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 25 ta' Settembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornati tal-appellanti esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, għalkemm l-appellanti jitolbu ir-revoka tas-sentenza appellata u l-liberazzjoni mill-imputazzjonijiet lilhom addebitati, madankollu ma jressqu ebda aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi, iżda jilmentaw unikament fl-ewwel aggravju dwar l-applikazzjoni erronja mill-Ewwel Qorti tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali li permezz ta'l-istess huma kienu kkundannati iħallsu l-ħsara minnhom ikkaġjonata lil parti offiża, u fit-tieni lok jikkritikaw lill-Ewwel Qorti meta din irrifjutat li terġa' tisma' ix-xiehda tal-parti offiża li kien xehed quddiem dik il-Qorti kif diversament ippresjeduta.

Jibdew l-appellanti biex jikkritikaw is-sentenza appellata meta din ikkundannathom iħallsu id-danni lil parti offiża u dan fit-termini ta'l- Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali u dan għaliex, fil-fehma tagħhom dan l-istess artikolu tal-liġi ma japplikax għar-reati ta' natura involontarja, li dwar l-istess kienu misjuba ħatja.

Illi, l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi illi: –

> **(1) B'żieda ma' kull piena li persuna li tinstab ħatja ta'reat tista' tingħata b'sentenza, il-Qorti tista' tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, <u>inkluż fil-każ biss ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin prigunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb</u>, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro(€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, ħsara morali u,jew psikoloġika, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel. L-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. <u>(enfazi ta' dina l-Qorti)</u>**
>
> **(2) Meta tagħmel ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment billi tqis kull obbligu ieħor li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.**

Illi, abbinat ma' din id-disposizzjoni tal-liġi, madanakollu fid-*decide* tagħha l-Ewwel Qorti tagħmel referenza ukoll għad-disposizzjonijiet ta'l-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali[1], liema artikolu tal-liġi jagħmel referenza għall-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hemm hekk dispost:–

> **(1) Meta Qorti tagħmel ordni ta' probation, ordni ta'servizz fil-komunità, ordni ta' probation u servizz, ordni għal liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi ħati għal kollox tista', mingħajr preġudizzju għall-poter li għandha dwar l-ispejjeż taħt l-artikoli 380 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna**

[1]532A. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation għar-rigward tas-setgħa li għandha l-qorti li tordna lill-ħati jħallas id-danni għandhom ukoll mutatis mutandis japplikaw kull meta jiġri li persuna tingħata sentenza wara li tkun instabet ħatja ta' delitt

**lill-ħati jħallas dawk id-danni għal xi feriment jew b'kumpens għal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar raġonevoli.**
**(2) Meta toħroġ ordni taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tista' tordna li tali spejjeż jew danni jitħallsu bin-nifs, partikolarment, billi tikkunsidra kull obbligu li l-ħati għandu lejn il-vittma jew xi dipendenti tal-vittma.**
**(3) Ordni għall-ħlas ta' danni jew kumpens kif hawn qabel imsemmi tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din kienet ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jiġu ordnati li għandhom jitħallsu:**
**Iżda ebda naħa f'dan l-artikolu m'għandha tidderoga mid-dritt ta' dik il-persuna li tkopri kull ammont ieħor li jifdal b'xi mezz ieħor mingħand il-ħati jew mingħand xi persuna oħra li tista'tkun responsabbli għall-istess ħlas.**

Illi, għalhekk, a tenur tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta appena ċċitat, reż applikabbli permezz tal-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, l-Ewwel Qorti setgħet, fid-diskrezzjoni tagħha, tordna lill-appellanti sabiex iħallsu lill-parte offiża d-danni talvolta minnhom ikkaġjonata fuq il-propjeta' ta' l-istess, tenut kont illi minflok piena applikat fil-konfront tagħhom id-dispost tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellanti ma jistħoqqlux akkoljiment u qed jkun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni u l-aħħar aggravju tagħhom, l-appellanti jilmentaw mill-fatt li x-xiehda mismugħa *viva voce* mill-Ewwel Qorti ma reġgħatx instemgħet mill-istess Qorti, diversament preseduta u dan wara li is-sentenza ta'l-ewwel Qorti tal-11 ta' Ottubru 2021 kienet annullata minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, u l-atti rimandati lura lil Qorti tal-Maġistrati bil-għan illi l-imputati "*jiġu ġudikati fuq il-provi akkwiziti qabel ma ngħatat l-ewwel sentenza.*"

Illi, minn eżami tal-atti jirriżulta illi l-proċeduri odjerni ġew imnehdija nhar is-16 ta' Diċembru 2020 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr Charmaine Galea. Wara li nstemgħu diversi provi, l-istess Qorti għaddiet għas-sentenza nhar l-1 ta' Novembru 2021. Pero' minn dina l-istess sentenza ġie intavolat appell mill-Avukat Ġenerali quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, fejn is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti ġiet annullata b'sentenza

tat-8 ta' Frar 2022. L-atti kienu mibgħuta lura quddiem l-Ewwel Qorti "*sabiex l-appellanti jiġu ġudikati mill-ġdid fuq il-provi akkwiziti qabel ma ingħatat l-ewwel sentenza*". Dawn il-proċeduri ġew sussegwentement assenjati lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali din id-darba ppresjeduta mill-Maġistrat Dr Nadine Lia, u dana wara li l-Maġistrat Dr Charmaine Galea astjeniet milli tisma' l-istess peress li kienet ġja espremiet ruħha dwar il-mertu.

Illi, mill-verbal datat 1 ta' Diċembru 2022, jirriżulta is-segwenti: –

> **"Għall kull buon fini, il-partijiet konġuntament jiddikjaraw illi qed jeżentaw lill-Prosekuzzjoni milli tressaq mill-ġdid kwalunkwe provi, dokumenti jew xhieda tal-Prosekuzzjoni.**
>
> **Id-difiza madanakollu mhix qegħdha teżenta lill-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni tax-xhieda tal-imputati li xehdu fil-15 ta' Lulju 2021 u jitlob li jerġgħu jixhdu mill-ġdid, iżda qed jeżenta lill-Qorti milli terġa tieħu konjizzjoni mill-ġdid tad-dokumenti ezebiti mill-imputati waqt l-istess udjenza."**

Illi, in segwitu għal dina t-talba, l-Ewwel Qorti b'digriet ben motivat datat il-15 ta' Frar 2023, ċaħdet dina l-istess talba u ordnat il-prosegwiment tal-każ skond id-direzzjoni mogħtija fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-08 ta' Frar 2022 "**li ordnat l-Ewwel Qorti sabiex l-imputati jiġu ġġudikati mill-ġdid fuq il-provi akkwiziti qabel ma ngħatat l-ewwel sentenza**".

Jidher illi issa fi stadju ta' reviżjoni l-appellanti qed jispustjaw it-talba tagħhom u qegħdin jinsistu illi l-Ewwel Qorti kellha tisma' l-provi kollha mill-ġdid, b'mod speċjali d-deposizzjoni tal-parti offiża Charles Bonnici billi din kienet pertinenti ferm għal kontestazzjoni f'din il-vertenza, b'mod speċjali dwar il-fatt jekk huma kenux ingħataw it-taħriġ allegat mill-parti offiża qabel ħarġu fuq il-baħar bid-dgħajsa u ukoll fir-rigward tal-post fejn kien seħħ l-inċident meta d-dgħajsa ħabtet mal-blat u saritilha il-ħsara.

Illi, jibda biex jingħad illi t-testimonjanza kollha tax-xhieda f'dan il-proċess, inkluż dawk tal-appellanti u tal-parti offiża, kienu debitament traskritti u inseriti fl-atti proċesswali *de quo* fejn sarilhom ukoll il-kontro-eżami. Illi allura il-Qorti tal-Maġistrati

presjeduta mill-Maġistrat Lia kienet ċertament f'posizzjoni tagħmel l-evalwazzjoni appożita tagħha kif rikjest mill-Liġi, kif filfatt għamlet. Illi di piu' jidher illi dik il-Qorti kienet qed issegwi dak lilha ordnat bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-08 ta' Frar 2022, liema deċiżjoni ma setatx tiġi mibdula jew varjata mill-Qorti tal-Maġistrati billi ma kienx fis-setgħa tagħha li tagħmel dan. Mhux biss, iżda l-appellanti fl-ebda ħin ma talbu lill-Ewwel Qorti terġa' tisma' x-xiehda tal-parti offiża, anzi huma saħansitra eżentaw mis-smigħ mill-ġdid ta' din id-deposizzjoni u nsistew biss illi kellhom jixhdu mill-ġdid huma stess. Kwindi l-appellanti ma jistgħux issa fi stadju ta' reviżjoni jikkritikaw lill-Ewwel Qorti għaliex ma semgħetx ix-xiehda tal-parti offiża hija stess, meta kien hemm l-eżenzjoni espressa minn naħa tagħhom lil dik il-Qorti milli terġa' tisma din ix-xiehda. Inoltre fuq skorta ta' ġurisprudenza kostanti, kien affermat illi meta ikun hemm bdil fil-ġudikant li jkun qed jipprejsedi il-Qorti adita bis-smigħ tal-każ, ma hemmx għalfejn illi x-xiehda tinstema' mill-ġdid ġaldarba tibqa' dejjem l-istess qorti li quddiemha l-ġudikabbli jkun ser jiġi ġġudikat[2]. Finalment l-Ewwel Qorti għamlet aprezzament dettaljat tal-provi kkumpilati sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha li hija kemm legalment kif ukoll fattwalment siewja. Kwindi dan l-aggravju huwa għal kollox infondat u ma jisħoqqlux akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha. It-terminu għal ħlas tad-danni kif deċiż mill-Ewwel Qorti għandu jibda jiddekorri mil-lum.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[2] Ara fost oħrajn Il-Pulizija vs Emanuel Debrincat – App.Inf.30/03/2012